



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

4.2.2015

B8-0097/2015

ABBOZZ TA' MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B8-0101/2015

skont l-Artikolu 128(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat
(2014/2875(RSP))

**Giovanni La Via, Glenis Willmott, Julie Girling, Anneli Jäätteenmäki,
Lynn Boylan, Keith Taylor, Piernicola Pedicini**
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

RE\1048995MT.doc

PE547.521v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B8-0000/2015

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat (2014/2875(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004¹ (ir-"Regolament dwar l-Ġhoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi"), u b'mod partikolari l-Artikoli 26(6) u (7) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż ta' provenjenza tal-laħam li jintuża bħala ingredjent (COM (2013)0755), u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah tas-17 ta' Diċembru 2013 bit-titolu "Origin labelling for meat used as an ingredient: consumers' attitude, feasibility of possible scenarios and impacts (It-tikkettar tal-oriġini għal-laħam li jintuża bħala ingredjent: l-attitudni tal-konsumaturi, il-fattibilità ta' xenarji possibbli u l-impatti) (SWD (2013)0437);
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2014 dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq tat-13 ta' Diċembru 2013³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-kriżi alimentari, il-frodi fil-katina alimentari u l-kontroll tagħha⁴,
- wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar it-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għal-laħam fl-ikel ipproċessat (O-00091 – B8-0101/2015),
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

¹ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

² ĠU L 335, 14.12.2013, p. 19.

³ Testi adottati, P 7_TA (2014) 0096.

⁴ Testi adottati, P 7_TA (2014) 0011.

- wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 26(6) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament u lill-Kunsill sat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza tal-laħam użat bħala ingredjent;
- B. billi l-Artikolu 26(7) tar-regolament imsemmi hawn fuq jiddisponi li r-rapport għandu, inter alia, iqis il-bżonn li l-konsumatur jiġi infurmat, il-fattibilità tal-għoti tal-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-post ta' provenjenza u analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' tali miżuri; billi jiddisponi ulterjorment li r-rapport jista' jiġi akkumpanjat minn proposti għall-modifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE;
- C. billi fis-17 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni ppubblikat kif dovut ir-rapport tagħha dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż ta' provenjenza tal-laħam li jintuża bħala ingredjent, u dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah bit-titolu "Origin labelling for meat used as an ingredient: consumers' attitude, feasibility of possible scenarios and impacts" (It-tikkettar tal-oriġini għal-laħam li jintuża bħala ingredjent: l-attitudni tal-konsumaturi, il-fattibilità ta' xenarji possibbli u l-impatti);
- D. billi huwa stmat li minn 30 % sa 50 %, skont l-Istat Membru kkonċernat, tal-volum totali ta' laħam tal-qatla jiġi pproċessat f'ingredjenti tal-laħam għall-oġġetti tal-ikel, l-aktar f'laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u prodotti tal-laħam;
- E. billi l-Kummissjoni għadha trid tagħmel xi proposti leġiżlattivi ta' segwitu u tikkonkludi li se jittieħdu aktar passi adegwati wara d-diskussjonijiet fil-Parlament u l-Kunsill;
- F. billi, skont ir-rapport mill-Kummissjoni msemmi hawn fuq dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż ta' provenjenza tal-laħam li jintuża bħala ingredjent, is-sistemi eżistenti ta' traċċabbiltà fl-UE mhumiex adegwati biex jgħaddu l-informazzjoni dwar l-oriġini tul il-katina alimentari;
- G. billi l-Artikolu 26(2) Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jiddisponi li l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew post ta' provenjenza huwa obbligatorju fejn in-nuqqas ta' indikazzjoni tiegħu jista' jiżgwidha lill-konsumatur fir-rigward tal-pajjiż veru ta' oriġini jew post veru ta' provenjenza tal-ikel, b'mod partikolari jekk l-informazzjoni li takkumpanja l-ikel jew it-tikketta iġenerali tkun altrimenti timplika li l-ikel għandu pajjiż ta' oriġini jew post ta' provenjenza differenti;
- H. billi l-valutazzjoni tal-impatt li appoġġjat lill-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi indikat li l-oriġini tal-laħam jidher li hu l-preokkupazzjoni ewlenija tal-konsumaturi madwar l-UE kollha¹;
- I. billi, skont l-istħarriġ tal-konsumaturi tal-Konsorzju tal-Evalwazzjoni tal-Katina

¹ Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat- 30 ta' Jannar 2008 li jakkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi – Rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt dwar kwistjonijiet ġenerali dwar it-tikkettar tal-ikel (SEC(2008)0092).

Alimentari tal- 2013, ikel ibbażat fuq il-laħam ġab l-ogħla riżultat fost id-diversi gruppi ta' ikel koperti mill-istħarriġ meta niġu għall-interess fit-tikkettar tal-oriġini; billi, abbażi ta' eżami aktar immirat tat-tipi differenti ta' prodotti pproċessati bbażati fuq il-laħam, ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw li aktar minn 90 % tal-konsumaturi rispondenti jqisu li huwa importanti li l-oriġini tiġi ttikkettata;

1. Jinnota li l-indikazzjoni tal-oriġini għal-laħam taċ-ċanga mhux ipproċessat u għall-prodotti tal-laħam taċ-ċanga fl-UE ilha obbligatorja minn wara l-kriżi tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE)¹, u r-regoli tal-UE għat-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga ilhom fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2002; jinnota li dawn ir-rekwiżiti tat-tikkettar diġà jinkludu l-post tat-twelid, dak tat-trobbija u dak tal-qatla;
2. Jikkunsidra li r-rekwiżiti msemmija hawn fuq applikabbli għal-laħam taċ-ċanga mhux ipproċessat u għall-prodotti tal-laħam taċ-ċanga żiedu l-aspettattivi tal-konsumaturi rigward l-informazzjoni dwar l-oriġini ta' tipi oħra ta' laħam frisk li huma kkunsmati b'mod mifruż ħafna fl-UE u ta' laħam użat bħala ingredjent fl-ikel ipproċessat;
3. Jinnota li l-Premessa 31 tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi tissottolinja l-fatt li l-oriġini tal-laħam huwa preokkupazzjoni ewlenija għall-konsumaturi u li bħala riżultat il-konsumaturi jistennew li jiġu infurmati kif għandu jkun dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-laħam; jirrimarka, barra minn hekk, li l-Premessa 31 tistipula li r-rekwiżiti tat-tikkettar obbligatorju għandhom iqisu l-prinċipju ta' proporzjonalità u l-piż amministrattiv għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u għall-awtoritajiet tal-infurzar;
4. Jenfasizza li 90 % tal-kumpaniji fis-settur tal-ipproċessar tal-laħam huma SMEs; jenfasizza r-rwol speċjali li jwettqu l-SMEs fil-ħolqien ta' tkabbir u impjiegi, il-kontribut tagħhom lejn ekonomija Ewropea kompetittiva u l-impenn tagħhom għal ikel sikur u ta' kwalità għolja; jemmen li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-atturi fis-settur huwa essenzjali;
5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-impatt potenzjali li għandha l-frodi alimentari fuq is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-konsumaturi, il-fiduċja tal-konsumaturi, il-funzjonament tal-katina alimentari u l-istabilità tal-prezzijiet agrikoli, u jenfasizza l-importanza li l-frodi alimentari tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' prijorità u b'hekk malajr terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej;
6. Jemmen li t-tikkettar tal-pajjiż jew il-post tal-oriġini tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam fih innifsu ma jipprevenix il-frodi, iżda li sistema rigoruża ta' traċċabilità tassew tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' infrazzjonijiet possibbli u għat-teħid ta' azzjoni kontribom; jinnota li l-iskandli riċenti tal-ikel, inkluża s-sostituzzjoni qarrieqa tal-laħam taż-żiemel flok laħam taċ-ċanga, urew li l-konsumaturi jridu li jkun hemm regoli aktar stretti dwar it-traċċabilità kif ukoll informazzjoni għall-konsumaturi; jindika li regoli aktar stretti dwar it-traċċabilità jippermettu wkoll lill-awtoritajiet jinvestigaw inċidenti ta' frodi alimentari b'mod aktar effettiv;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

7. Jenfasizza l-importanza li l-laħam taż-żiemel jitqies fil-kuntest tal-laħam użat bħala ingredjent fl-ikel ipproċessat, minbarra l-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur, għaliex jirrappreżenta parti konsiderevoli mil-laħam użat fl-ikel ipproċessat;
8. Jenfasizza, barra minn hekk, il-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni stess jirrikonoxxi li iktar minn 90 % tal-konsumaturi risponenti jqisuha ħaġa importanti li l-oriġini tal-laħam tiġi tikkettata fuq il-prodotti tal-ikel ipproċessati¹; jinnota li dan huwa wieħed minn għadd ta' fatturi li jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumatur;
9. Jemmen li t-tikkettar tal-orġini tal-laħam użat bħala ingredjent fl-ikel se jgħin biex tiġi żgurata traċċabilità aħjar tul il-katina tal-provvista alimentari, biex jitrawmu relazzjonijiet iktar stabbli bejn il-fornituri u l-proċessuri tal-laħam u biex tiżdied id-diliġenza meta l-operaturi tan-negożji tal-ikel jagħżlu l-fornituri u l-prodotti tagħhom;
10. Iħoss li t-tikkettar tal-ikel għandu jqis it-trasparenza tal-informazzjoni u l-leġibilità tagħha għall-konsumaturi filwaqt li jippermetti lin-negożji Ewropej joperaw b'mod li jkun ekonomikament vijabbli u f'kundizzjonijiet aċċettabbli għall-kapaċità tal-akkwist tal-konsumatur;
11. Jindika li, fir-rigward tal-impatti tal-prezzijiet, ir-riżultati tar-riċerka li saret minn organizzazzjoni tal-konsumaturi Franċiża huma sostanzjalment diverġenti mis-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kosti tal-introduzzjoni tat-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini; jirrakkomanda li din il-kwistjoni tiġi eżaminata ulterjorment sabiex tinkiseb stampa aktar ċara tal-effetti possibbli fir-rigward tal-prezzijiet, kemm-il darba tali eżami jsir b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u ma jdewwimx proposti leġiżlattivi;
12. Jinnota li t-tikkettar tal-pajjiż tal-oriġini se jsir obligatorju għal-laħam mhux ipproċessat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur minn April 2015; filwaqt li dan għandu jitqies meta jiġu vvalutati l-kosti tal-għoti tal-informazzjoni dwar l-oriġini għal dawn it-tipi ta' laħam meta jintużaw bħala ingredjent;
13. Jinnota li l-informazzjoni volontarja attwali dwar l-oriġini tista' tagħti informazzjoni qarrieqa lill-konsumaturi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid dawn l-iskemi volontarji dwar it-tikkettar tal-oriġini u tipproponi regoli ċari, konsistenti, armonizzati u infurzabbli meta l-produtturi jiddeċiedu li jimplementaw it-tikkettar volontarju tal-oriġini.
15. Jinnota wkoll li filwaqt li, kif indikat fir-rapport tal-Kummissjoni, rekwiżit ta' indikazzjoni tat-tikkettar UE jew mhux UE ikun alternattiva b'kost aktar baxx, ir-riċerka li saret mill-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BUEC), li tkopri xi wħud mill-Istati Membri, li tkopri xi Stati Membri, sabet li dan ma jkunx soluzzjoni aċċettabbli għall-konsumaturi²;

¹ COM(2013)0755, p. 7.

² <http://www.beuc.org/publications/2013-00043-01-e.pdf>

16. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli tinvestiga aktar il-prattika (li diġa' hija pjuttost mifruxa) fost il-bejjiegħa bl-imnut u l-manifatturi Ewropej fir-rigward tattikkettar tal-orìgini tal-laħam fl-ikel ipproċessat u tirrapporta s-sejbiet tagħha;
17. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi alimentari jsiru parti fundamentali mill-politika tal-UE u sabiex tindirizza d-dgħufijiet strutturali fi ħdan il-katina alimentari kollha, b'mod partikolari billi timmultiplika u ssaħħaħ il-kontrolli;
18. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi, li jirrigwarda l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' orìgini tal-ingredjenti primarji fejn dan ma jkunx l-istess bħal dak tal-prodott tal-ikel;
19. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħti segwitu għar-rapport tagħha permezz ta' proposti leġiżlattivi li jagħmlu obbligatorja l-indikazzjoni tal-orìgini tal-laħam li jinsab f'ikel ipproċessat sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar tul il-katina alimentari kollha kemm hi u biex il-konsumaturi Ewropej jiġu infurmati aħjar, waqt li tqis il-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha u tevita kosti u piżijiet amministrattivi eċċessivi;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.